Nru. 17,848
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 2005
Friday, 2nd December, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1173

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XV ta' l-2005 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 dwar l-Approprjazzjoni (2006); u

Att Nru. XVI ta' l-2005 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2005).

It-2 ta' Diċembru, 2005

Nru. 1174

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Diċembru, 2005
(File No. L437/69/III)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-14 ta' Diċembru, 1990, taħt in-

GOVERNMENT NOTICES

No. 1173

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XV of 2005 entitled the Appropriation (2006) Act, 2005; and

Act No. XVI of 2005 entitled the Second (2005) Appropriation Act, 2005.

2nd December, 2005

No. 1174

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd December, 2005

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 14th December, 1990, under

Notifikazzjoni Nru. 793, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-fondi hawn taħt deskritti huma meħtieġ mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-fondi m'għadhomx aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-fondi hawn taħt imsemmija m'għadhomx aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Il-fondi li ġejjin fir-Rabat, Malta:

1. Il-fond Nru. 12, fi Sqaq taċ-Ċiaki.
2. Il-fond Nru. 13, fi Sqaq taċ-Ċiaki.

Il-fondi hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bil-kulur blu u isfar rispettivament fuq il-pjanta L.D. 151A/71 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

L-24 ta' Novembru, 2005

Notice No. 793, the President of Malta had declared the under mentioned premises to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas these premises are no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned premises are no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following premises at Rabat, Malta:

1. Premises No. 12, at Sqaq taċ-Ċiaki
2. Premises No. 13, at Sqaq taċ-Ċiaki

The abovementioned premises are shown marked with the colours blue and yellow respectively on plan L.D. 151A/71 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

24th November, 2005

Nru. 1175

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

Ħatra ta' *Chairman*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 (1A) (a) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ħatar lill-persuna li ġejja bħala *Chairman* ta' Fergħa A tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp għall-perijodu ta' tliet snin b'seħħ mit-28 ta' Novembru, 2005:

Is-Sur Philip Azzopardi, BE&A (Hons), A&CE

It-2 ta' Diċembru, 2005

No. 1175

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Development Control Commission

Appointment of Chairman

IN virtue of the powers granted by article 13 (1A) (a) of the Development Planning Act, the Prime Minister and Minister of Finance appointed the following person as Chairman of Division A of the Development Control Commission for a period of three years with effect from 28th November, 2005:

Mr Philip Azzopardi, BE&A (Hons), A&CE

2nd December, 2005

Nru. 1176

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Ħatra ta' Deputat *Chairman*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3 (2) (b) u 3 (4) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356), il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi ħatar lill-persuna li ġejja bħala membru indipendenti u Deputat *Chairman* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-perijodu ta' tliet snin b'seħħ mit-28 ta' Novembru, 2005:

Ms Catherine Galea, MQR, BSc (Eng), BA (Arch)

It-2 ta' Diċembru, 2005

No. 1176

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Appointment of Deputy Chairman

IN virtue of the powers granted by articles 3(2) (b) and 3 (4) of the Development Planning Act, (Cap. 356), the Prime Minister and Minister of Finance appointed the following person as an independent member and Deputy Chairman of the Malta Environment and Planning Authority for a period of three years with effect from 28th November, 2005:

Ms Catherine Galea, MQR, BSc (Eng), BA (Arch)

2nd December, 2005

Nru. 1177

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (Kap. 356)

Membru tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13 (1A) (b) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ħatar lill-persuna li ġejja bħala membru ta' Fergħa A tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp għall-perijodu ta' tliet snin b'seħħ mit-28 ta' Novembru, 2005:

Is-Sur Christopher Spiteri, BE&A (Hons), MSc (Edin)

It-2 ta' Diċembru, 2005

No. 1177

DEVELOPMENT PLANNING ACT (Cap. 356)

Member of the Development Control Commission

IN virtue of the powers granted by article 13 (1A) (b) of the Development Planning Act, the Prime Minister and Minister of Finance appointed the following person as member of Commission of Division A of the Development Control Commission for a period of three years with effect from 28th November, 2005:

Mr Christopher Spiteri, BE&A (Hons), MSc (Edin)

2nd December, 2005

Nru. 1178

KUMITAT XJENTIFIKU DWAR IL-PROTEZZJONI ĊIVILI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kumitat Xjentifiku dwar il-Protezzjoni Ċivili maħtur skond subartikolu (2) ta' artikolu 6 ta' l-Att ta' l-1999 dwar il-Protezzjoni Ċivili hu kostitwit kif ġej għal perijodu ta' sena mill-1 ta' Diċembru 2005.

No. 1178

CIVIL PROTECTION SCIENTIFIC COMMITTEE

IT is notified for general information that the Civil Protection Scientific Committee appointed in terms of subsection (2) of section 6 of the Civil Protection Act, 1999, is constituted as follows for a period of one year with effect from 1st December 2005.

Chairman

Is-Sur Peter Cordina, Direttur tal-Protezzjoni Ċivili

Membri

Dott. Alex Torpiano, BE&A, M.Sc., Ph.D., DIC, EurIng, MIStructE, A&CE (Arch & Civil Eng), Fakultà ta' l-Arkitettura, l-Università ta' Malta

Il-Prof. Joe Agius, Ph.D., M.Sc, B.Sc. (Tech) C.Eng FIEE, FIIE, Fakultà ta' l-Inġinerija Mekkanika, l-Università ta' Malta

Dott. Ray Ellul, B.Sc., M.Sc., Dr.Rer.Nat.(Essen), Dipartiment tal-Fiżika, l-Università ta' Malta

Il-Prof. Victor Ferrito, B.Sc., Ph.D. (Wales), FIFST, FRSH, Dipartiment tal-Farmaċija, l-Università ta' Malta

Il-Prof. Alfred Vella, B.Sc., M.Sc., Ph.D.(Col.Sch.Mines), C.Chem, FRSC, Dipartiment tal-Kimika, l-Università ta' Malta

Id-Dott. Godwin Debono, B.Sc., M.Sc.(Lond), DIC, Ph.D.(Lond), Dipartiment ta' l-Esplorazzjoni taż-Żejt, Uffiċċju tal-PrimMinistru

Dott. Dennis Vella Baldacchino, M.D., Dipartiment tas-Saħħa

Dott. Pauline Galea, B.Sc., M.Sc., Ph.D.(Wellington), Dipartiment tal-Fiżika, l-Università ta' Malta

Is-Sur Aldo Drago, B.Sc., M.Sc. (Physical Oceanography), M.Phil. (Soton), Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija

Is-Sur Paul Portelli, Soċjetà Maltija tas-Salib l-Aħmar

Is-Sur Peter Gatt, B.A. (Hons) Lond., M.Sc(R'dg), FGS, MIQ, Dipartiment tax-Xogħlijiet

Ms Mary Attard, M.A.(Lond.) in Geography specialising in Meteorology and Geomorphology, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

Is-Sur Louis Vella, Assistent Direttur, Pollution Control Unit, MEPA

L-Inġ Vince Attard, Occupational Health and Safety Authority

Segretarja

Ms Sarah Grech, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

It-2 ta' Diċembru, 2005

Chairman

Mr Peter Cordina, Director of Civil Protection

Members

Dr Alex Torpiano, BE&A, M.Sc., Ph.D., DIC, EurIng, MIStructE, A&CE (Arch & Civil Eng), Faculty of Architecture, University of Malta

Prof. Joe Agius, Ph.D., M.Sc, B.Sc. (Tech) C.Eng FIEE, FIIE, Faculty of Mechanical Engineering, University of Malta

Dr Ray Ellul, B.Sc., M.Sc., Dr.Rer.Nat.(Essen), Department of Physics, University of Malta

Prof. Victor Ferrito, B.Sc., Ph.D. (Wales), FIFST, FRSH, Department of Pharmacy, University of Malta

Prof. Alfred Vella, B.Sc., M.Sc., Ph.D.(Col.Sch.Mines), C.Chem, FRSC, Department of Chemistry, University of Malta

Dr Godwin Debono, B.Sc., M.Sc.(Lond), DIC, Ph.D.(Lond), Oil Exploration Department, Office of the Prime Minister

Dr Dennis Vella Baldacchino, M.D., Department of Health

Dr Pauline Galea, B.Sc., M.Sc., Ph.D.(Wellington), Department of Physics, University of Malta

Mr Aldo Drago, B.Sc., M.Sc. (Physical Oceanography), M.Phil. (Soton), Malta Council for Science and Technology

Mr Paul Portelli, Malta Red Cross Society

Mr Peter Gatt, B.A. (Hons) Lond., M.Sc(R'dg), FGS, MIQ, Works Department

Ms Mary Attard, M.A.(Lond.) in Geography specialising in Meteorology and Geomorphology, Department of Education

Mr Louis Vella, Assistant Director, Pollution Control Unit, MEPA

Eng. Vince Attard, Occupational Health and Safety Authority

Secretary

Ms Sarah Grech, Department of Civil Protection

2nd December, 2005

Nru. 1179

ATT TA' L-2000 DAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT (ATT NRU. XXI TA' L-2000)

Elezzjoni ta' Membri fuq il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat - Sena 2006

Sejħa għan-Nomini

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 5 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, is-Segretarju jilqa' nomini għall-kandidati fl-elezzjoni ta' tliet (3) membri minn u fost l-artiġjani u ta' membru minn u fost l-imprendituri li huma rreġistrati mal-Kunsill biex jirrappreżentaw is-setturi rispettivi tagħhom fuq il-Kunsill.

In-nomini, li għandhom ikunu ffirmati minn persuna eliġibbli li tivvota fl-elezzjoni u li jkunu aċċettati permezz tal-firma tal-kandidat, għandhom jaslu għand is-Segretarju bl-idejn sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, it-22 ta' Diċembru 2005.

Persuna rreġistrata kemm bħala artiġjan u kemm bħala imprenditur tista' tiġi nominata f'kategorija waħda biss.

Fil-każ ta' l-artiġjani, jekk jiġu nominati tliet kandidati jew anqas, dawn jiġu awtomatikament iddikjarati eletti.

Fil-każ ta' l-imprendituri, jekk jiġi nominat kandidat wieħed biss, dan jiġi awtomatikament iddikjarat elett.

In-nomini jridu jsiru fuq formola apposta li tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju, Kunsill Malti għall-Artiġjant, Diviżjoni tal-Kummerċ, Lascaris, Valletta.

It-2 ta' Diċembru, 2005

No. 1179

MALTA CRAFTS COUNCIL ACT (ACT NO. XXI OF 2000)

Election of Members of the Malta Crafts Council - Year 2006

Call for Nominations

IN terms of the provisions in paragraphs 1, 2 and 5 of the Schedule annexed to the Malta Crafts Council Act, 2000, the Secretary invites nominations for candidates for the election of only three (3) members to be elected by and from among craftsmen and a member to be elected by and from among entrepreneurs registered with the Council to represent their respective sectors on the Council.

The nominations, which must be signed by the person eligible to vote in the election and must be accepted through the candidates' signature, must be delivered by hand to the Secretary, by not later than noon of Thursday, 22nd December 2005.

The person registered both as a craftsman and as an entrepreneur may be nominated under one category only.

In the case of craftsmen, if three or less craftsmen are nominated, these will automatically be declared elected.

In the case of entrepreneurs, if only one candidate is nominated he will be automatically declared elected.

Nominations must be made only on the prescribed form obtainable from the Secretary, Malta Crafts Council, Commerce Division, Lascaris, Valletta.

2nd December, 2005

Nru. 1180

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) reġa' daħal għal dmirijietu fit-28 ta' Novembru 2005, u l-arranġamenti li hemm riferenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1150 tat-22 ta' Novembru 2005, huma b'din imħassrin.

Id-29 ta' Novembru, 2005

No. 1180

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce) resumed duties on the 28th November 2005, and the arrangements referred to in Government Notice No. 1150 of the 22nd November 2005, are hereby repealed.

29th November, 2005

Nru. 1181

REĠISTRU TA' L-ARTIJIET

B'dan qed ngħarraf li avviż dwar depożitu ta' kawzjoni bin-numru indikat hawn isfel u li tolqot il-propjetajiet irreġistrati bit-titoli indikati hawn taħt, intbagħat permezz ta' ittra rreġistrata mmarkata u indirizzata lill-persuni indikati f'Artikolu 50 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet (Kap. 296), liema avviż ġie ritornat lir-Reġistru ta' l-Artijiet.

Dan l-avviż għandu jitqies bħala avviż notifikat, għall-fini kollha tal-liġi, kif stipulat mir-Regolamenti dwar it-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet.

Nru. tal-Kawzjoni *Caution No.*	Indirizz ta' min qed jiġi notifikat *Address of notified person*	Titolu Nru. *Title No.*
LRC 2199/05	Lawrence Borg Monchateau 32 Misraħ il-Gran Mastru Qormi	06002247 06001908
LRC 2199/05	Carmen Milavonovic c/o Monchateau 32 Misraħ il-Gran Mastru Qormi	06002247 06001908
LRC 2199/05	Natalie Rynolds c/o Monchateau 32 Misraħ il-Gran Mastru Qormi	06002247 06001908

Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-2 ta' Diċembru, 2005

No. 1181

LAND REGISTRY

Notice is hereby given that a notice of lodgement of a caution with the number indicated below and which affects property registered by the titles hereunder indicated has been forwarded by means of a registered letter marked and addressed to persons indicated in Article 50 of the Land Registry Act (Cap. 296), which letter has been returned to the Land Registry.

This notice shall, for all intents and purposes, be deemed to be a notice duly served in terms of the Land Registration Rules.

Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

2nd December, 2005

Nru. 1182

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn ta' avviżi ta' stima dwar l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONIJIET hawn taħt imsemmija jeħtieġu Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjonijiet huma miġbura skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija

No. 1182

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit applications are subject to an Environmental Impact Assessment. The applications are set out by locality and include the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of these applications can be seen at the offices of the

fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinstab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:

www.mepa.org.mt/EIA-Malta

Riviera Martinique, Għajn Tuffieħa, limiti ta' l-Imġarr — PA 05360/04

Twaqqigħ ta' struttura perikoluża eżistenti. Bini ta' struttura rtirata 'l ġewwa mill-irdum li tinkludi żewġ sulari u sular irtirat 'il ġewwa li jinkludi restorant u sala għal aktar minn użu wieħed

Is-Sur Neville Fenech

Riviera Martinique, Għajn Tuffieħa, l/o Mġarr — *PA 05360/04*

To demolish existing dangerous structure. Construction of a receded structure away from receding cliff face incorporating a two storey building with an overlying receded floor incorporating a restaurant and multipurpose hall.

Mr Neville Fenech

It-2 ta' Diċembru, 2005

2nd December, 2005

Nru. 1183

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn ta' avviż ta' studju dwar l-impatt ambjentali avviż skond Sezzjoni 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali (Avviż Legali Nru. 204 ta' l-2001)

IL-PROPOSTA għal żvilupp hawn taħt imsemmija jeħtieġu Studju ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni tidher skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar

No. 1183

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit applications is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the PA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning

l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:
www.cia.org.mt

Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website:
www.cia.org.mt

Marsaxlokk	PA3152/05	Proposta għall-ġenerazzjoni ta' elettriku permezz ta' diesel Is-Sur Joseph Cutajar, Enemalta
Marsaxlokk	*PA3152/05*	*Proposed diesel engine generation* *Mr Joseph Cutajar, Enemalta Corporation*

It-2 ta' Diċembru, 2005

2nd December, 2005

Nru. 1184

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Kumitat Ko-ordinattiv għall-Bijosigurtà

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li t-tibdil li ġej kien effettwat fil-kompożizzjoni tal-Kumitat Ko-ordinattiv għall-Bijosigurtà:

Dott. David Mifsud, B.Sc. M.Sc., Ph.D, FRES, FLS inħatar bħala rappreżentant tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent minflok is-Sur Victor Farrugia, M.Sc., H.N.D.H., D.D.S., M.A.

It-2 ta' Diċembru, 2005

No. 1184

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Biosafety Co-ordinating Committee

IT is notified for general information that the following change has been effected in the composition of the Biosafety Co-ordinating Committee:

Dr David Mifsud, B.Sc. M.Sc., Ph.D, FRES, FLS has replaced Mr Victor Farrugia, M.Sc., H.N.D.H., D.D.S., M.A. as representative of the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2nd December, 2005

Nru. 1185

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 1185

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
25. 11. 05	Lm5.84c2	10c8
28. 11. 05	Lm5.85c5	10c8
29. 11. 05	Lm5.87c8	10c9
30. 11. 05	Lm5.88c8	10c9
01. 12. 05	Lm5.85c2	10c9

It-2 ta' Diċembru, 2005

2nd December, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 103

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġ u twaqqif ta' vetturi tas-sewqan huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bormla

Nhar it-Tlieta, is-6 ta' Diċembru 2005 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Pawlino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Rikkardo Taylor, l-Oratorju, Santa Margerita, Serracino Inglott, San Ġorġ, Santu Rokku, John Pace u Santa Tereża.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Diċembru 2005 mill-4.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, il-Pellegrinaġġ, ix-Xatt, Pjazza Pawlino Vassallo, Santa Tereża u Alessandria.

Nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Diċembru 2005 mis-6.30 p.m. 'il quddiem minn Bieb Santa Liena.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Diċembru 2005 minn nofsinhar 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, Bormla Wharf, Pjazza Pawlino Vassallo, il-Pellegrinaġġ sal-Knisja tal-Kunċizzjoni.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Diċembru 2005 mill-4.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża u Pjazza Santa Margerita.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Diċembru 2005 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Pawlino Vassallo.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Diċembru 2005 mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Pjazza Gavino Gulia u x-Xatt.

Nhar il-Ħamis, it-8 ta' Diċembru 2005 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Ħdejn il-Parroċċa, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl, P.P. Caruana, San Pawl, mix-Xatt ta' Bormla sal-Pjazza Pawlino Vassallo.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Diċembru, 2005

POLICE NOTICE

No. 103

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Cospicua

On Tuesday, 6th December 2005, as from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Pawlino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Hanover, Rikkardo Taylor, l-Oratorju, Santa Margerita, Serracino Inglott, San Ġorġ, Santu Rokku, John Pace and Santa Tereża.

On Wednesday, 7th December 2005, as from 4.30 p.m. onwards through the following streets: il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, il-Pellegrinaġġ, ix-Xatt, Pjazza Pawlino Vassallo, Santa Tereża and Alessandria.

On Wednesday, 7th December 2005, as from 6.30 p.m. onwards through Bieb Santa Liena.

On Thursday, 8th December 2005, as from noon onwards through the following streets: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, Bormla Wharf, Pjazza Pawlino Vassallo, il-Pellegrinaġġ up to church of the Conception.

On Thursday, 8th December 2005, as from 4.30 p.m. onwards through the following streets: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża and Pjazza Santa Margerita.

On Thursday, 8th December 2005, as from 5.00 p.m. onwards through Pjazza Pawlino Vassallo.

On Thursday, 8th December 2005, as from 5.30 p.m. onwards through the following streets: San Pawl, Pjazza Gavino Gulia and ix-Xatt.

On Thursday, 8th December 2005, as from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Next to Parish, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church area, P.P. Caruana, San Pawl, from ix-Xatt ta' Bormla to Pjazza Pawlino Vassallo.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

2nd December, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dawn l-iskejjel:

Drama Unit, c/o Maria Regina Complex, Blata l-Bajda
Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja tas-Subien, Ħal Kirkop

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.86 għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following Schools:

Drama Unit, c/o Maria Regina Complex, Blata l-Bajda
St Benedict's College, Boys' Secondary, Kirkop

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.86 for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikollhom għarfien tajjeb tal-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li għandhom l-għarfien meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċ ertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti;

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2, 3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 7d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising

skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Erbgħa, il-21 ta' Diċembru, 2005.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-2 ta' Diċembru, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' *Casual Cleaners* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) jgħarraf li jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ li jitqiegħdu fuq lista uffiċjali ta' kandidati biex skond il-ħtieġa u l-bżonn jiġu kkunsidrati għall-impieg bħala *Cleaners* fuq bażi *Casual* f'dawn l-Iskejjel ta' l-Istat:

Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja tas-Subien, Ħal Kirkop

Skola Primarja 'A' Carmela Sammut, Triq Grognet, il-Mosta

2. L-ordni tal-mertu tinħoloq wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati biex jiġi stabbilit dwar kemm huma adatti għall-post ta' *Casual Cleaners*.

in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Wednesday, 21st December, 2005.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

2nd December, 2005

EDUCATION DIVISION

Engagement of Casual Cleaners in the Education Division

The Director General Education Division notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a Casual Cleaner in the following State Schools, if and when the need arises:

St Benedict's College, Boys' Secondary, Kirkop

Carmela Sammut Primary School 'A', Triq Grognet, Mosta

2. The final order of merit, will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Casual Cleaner.

3. Ir-riżultat u l-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perijodu ta' sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. Kull ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mill-*Casual Cleaner* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ħtieġa li tingħata r-raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għall-matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-sajf jew inkella matul parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu jkunu normalment mistennija li jaħdmu minn tnejn sa tliet siegħat kuljum wara l-ħin ta' l-iskola. F'każ eċċezzjonali u dejjem fid-diskrezzjoni tal-Kap ta' l-Iskola, jistgħu jintalbu li jaħdmu matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.51 għal kull siegħa maħduma. Il-*Casual Cleaners* ikunu intitolati wkoll għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

7. *Casual Cleaners* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għal sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

8. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-Kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjonijiet).

(d) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu maħruġa minn awtoritajiet pubbliċi kkonċernati. Applikanti li għalqu l-61 sena mhumiex eliġibbli li japplikaw.

(e) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Any engagement made will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or by the Casual Cleaner at any time by giving a week's notice in writing without specifying any reason thereof. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

5. Selected candidates who are engaged will normally be expected to work after school hours from 2 to 3 hours per day. Exceptionally however they may be required to work during school hours at the discretion of the Head of School.

6. Remuneration will be at a rate of Lm1.51 for every hour worked. Casual Cleaners will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

7. Casual Cleaners will not be eligible to apply for any internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

8. Candidates must:

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese language;

(c) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications must be produced).

(d) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities). Applicants who are 61 years or over are not eligible to apply.

(e) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant

msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Applikanti eliġibbli jridu joqogħdu għall-intervista mill-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' *casual cleaners*.

10. Kull min hu interessat jista' jiġbor applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kunsill ta' l-iskola konċernata.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Diċembru, 2005.

12. Is-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku jagħti rċevuta għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn dak il-ħin stess.

13. Min jibgħat l-applikazzjoni bil-posta għandu jieħu ħsieb li jibgħatha kmieni biżżejjed biex tasal qabel il-ħin u d-data ffissati għall-għeluq ta' l- applikazzjonijiet. Tintbagħat irċevuta mis-Segretarju tal-Kunsill Skolastiku, biex jikkonferma li l-applikazzjoni tkun waslet.

It-2 ta' Diċembru, 2005

documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of school and copied to the NCPD.

9. Eligible applicants will be interviewed by the School Council to assess their suitability for the post.

10. Interested persons may collect application forms from the Office of the Secretary of the School Council of the school.

11. Applications will be received in the first instance by the Council Secretary of the school by not later than noon of Wednesday, 21st December, 2005.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Secretary of the School Council at the time of delivery.

13. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Council's Secretary, within seven days.

2nd December, 2005

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' *Senior House Officer* (Ġerjatrija) fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuqfin-*notice-board* tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-2 ta' Diċembru, 2005

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Senior House Officer (Geriatrics) in the Department for the Elderly and Community Care within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

2nd December, 2005

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Dan huwa grad ta' *senior management* bħal Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill. Is-Segretarju għandu jassigura li d-deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill għandhom jiġu implimentati bl-aktar mod effiċ-jenti u b'sistema ta' amministrazzjoni serja waqt li jassigura kontroll finanzjarju matul is-sena kollha. Is-Segretarju huwa wkoll responsabbli li jiggwida u jagħti parir fejn meħtieġ lill-Kunsill innifsu sabiex jassigura li l-*policies* tal-Kunsill ikunu dejjem b'konformità ma' l-istess gwidi u regolamenti tal-Gvern Ċentrali kif ukoll li jkunu skond il-qafas legali speċifikat fl-Att Numru XV ta' l-1993, flimkien ma' kull emendi u Avviżi Legali relatati li joħorġu minn żmien għal żmien.

